**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 78** **1 ta' April, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-1 ta' April fl-4.30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Elenia Desira - Viċi Sindku
Stephen Caruana - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
NIL

**ASSENTI:**

Kunsillier/a - Post vakanti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **78.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| 78.1.1 | Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.<br>Il-laqgħa bdiet fl-16:36, filwaqt li Elenia waslet fil-16:45. |
| | |
| **78.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| 78.2.1 | Il-Kunsillier Stephen Caruana ppropona u l-Kunsillier Daniel Zerafa issekonda l-minuti tal-laqgħa No 77. |
| | |
| **78.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku.** |
| 78.3.1<br><br><br><br><br><br><br><br>78.3.2<br><br><br><br>78.3.3 | Is-Sindku qal li saret laqgħa fit-22 ta' Marzu mal-Visit Malta rigward il-Fireworks Festival. Is-Sindku tkellem fuq il-kwistjoni dwar għalfejn mhux se jsir nar tal-ajru flok tal-art. Jidher li apparti minħabba l-Island Century, inqalgħu kawżi oħra minn xi residenti fil-passat, fuq xi għelieqi minn fejn kienu jaħarqu n-nar. Ħa ssir banda titlaq mil-pjazza, sal-ground fejn se ssir l-attività. L-għaqdiet ġew inklużi biex jipparteċipaw u s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa magħhom fil-binja tal-Kunsill.<br><br>Is-Sindku semma li fejn se jsiru l-fireworks kellem lil Visit Malta għax taqa' taħt il-Ministeru tat-Turiżmu, informa lill-kunsill li huwa ilu juri ix-xewqa biex din l-art tingħata lill-Kunsill.<br><br>Fakkarhom ukoll, li hemm id-dawl tal-ground mhux jixgħel u lanqas hemm servizz tal-ilma u minħabba din ir-raġuni lanqas nistgħu nsaqqu u hemm dlam ċappa fil-ground tal-football. |
| 78.3.4 | Is-Sindku semma li jixtieq li l-binja ta' fejn kien hemm l-ex skola tal-Enemalta maġenb il-berġa, tinqaleb minn fuq l-Università u tingħata lill-Kunsill. Dan sabiex jagħmel użu minnha l-Kunsill. |
| 78.3.5 | Is-Sindku Steven Grech qal ukoll li-Triq Axtart u Triq Melqart qiegħed jirsisti biex jingħataw it-tarmak, iżda hemm xi problema bil-bankina. Suppost kellu jinbeda x-xogħol dan ix-xahar u sabu ukoll xi problema fil-pajpijiet tal-ilma |
| 78.3.6<br><br><br>78.3.7 | Fil-25 ta' Marzu, is-Sindku kellu laqgħa wkoll ma' l-għaqdiet tar-raħal li se jarmaw f'San Girgor, qal li ser ikun hemm żona faċċata tal-pjazza fejn se jarmaw.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qassmet kopja tat-talbiet tal-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei, fejn saret talba għall-flus u talbu xi permessi; wieħed għall-1 ta' Awwissu biex isir il-programm tal-festa u talbu li dan ikun issussidjat mill-Kunsill. Għamlu talba oħra sabiex isir bar barra quddiem il-kazin tal banda nhar il-Ħadd 4 ta' Awwissu. Nhar l-Erbgħa ħa jkun magħluq ix-Xatt |

78.3.8 L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa se tkun magħluqa għat-trasport Triq il-Kajjik mill-5pm ’il quddiem, filwaqt li s-Sibt u l-Ħadd ma jistgħux jidħlu fi Triq il-Kajjik il-ġurnata kollha.

78.3.9 Ittieħed vot dwar it-talba tal-flus.

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

78.3.10 It-talba għall-flus ġiet approvata b’mod unanimu.

78.3.11 Ittieħed vot dwar it-transport. Is-S.E staqsiet hekk jaqblux li Triq il-Kajjik u x-Xatt ikunu magħluqa mill-ħamsa ta’ filgħaxija l-quddiem nhar l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa, filwaqt li s-Sibt u l-Ħadd ma jgħaddu xejn il-ġurnata kollha.

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

78.3.12 Dan ukoll ġie approvat b’mod unanimu

**78.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

78.4.1 Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk sarx tarmak fi Triq il-Qrolla u staqsa jekk kienx hemm risposta dwar it-talba li Triq il-Qrolla u Triq Abdosir isiru *one way.* Is-Sindku wieġeb li qiegħda fil-proposta tal-proġett tal-Master Plan.

78.4.2 Il-Kunsillier Zerafa talab ukoll li Triq Barthelemy fil-biċċa fejn hemm il-bidu ta’ wara tas-sala tal-iskola, biex isiru tabelli oħra tal- *one way*.

78.4.3 Ġie ssuġġerit li jiġu nstallati mirja, jew tabelli oħra li jindikaw li Triq Barthelemy ma’ wesgħet Triq Ġużè Stagno li jindikaw li hi ‘one way’. Is-Sindku propona li ssir bi prova għal ħmistax-il ġurnata.

**78.5 Approvazzjoni għall-aċċess ta’ transfers mill-‘Internet Key’ - BOV**

78.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiva spjegat kif il-Kunsill bħalissa għandu BOV u APS Internet Key. Il-key tal-BOV qiegħda viewing only u ma jistax isiru tranzazzjonijiet, filwaqt li b’tal APS jistaw isiru tranzazzjonijiet, dejjem irid ikunu 2 to sign, igifieri b’zewg keys, waħda li tkun għand is-sindku u l-oħra għand is-Segretarju Eżekuttiv. Bl-internet key ikun jista’ jsiru it-trasferiment mingħajr il-bżonn li kemm is-sindku u segretarju eżekuttiv ma jmorru l-bank u ma niġux iċċarġjati ta’ trasferimenti kif ukoll ma neħlux flus għax l-account ikun qiegħed. Ittieħed vot jekk jistax ikun hemm dan l-aċċess mill-applikazzjoni tal-BOV internet key, biex b’hekk tiġi bħal dik tal-APS.

78.5.2

| | | | |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

78.5.3 Kien hemm qbil unanimu bejn il-kunsilliera dwar dan l-aċċess.

**78.6 Approvazzjoni tal-Fondi ta’ Aġġustament 2024**

78.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-fondi ta’ aġġustament saru kollha għall talba ta’ pjanti u siġar diversi biex jitħawlu fir-raħal.

78.6.2 Is-S.E. talbet għal approvazzjoni tal-Kunsill.

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

78.6.3 Kien hemm qbil Nem Con.

**78.7 Planning Authority**

78.7.1 1714/24 – Torri Vendome, ġiet approvata.

**78.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

78.8.1 Proponent Stephen Caruana u Elenia Desira sekondant.

| | |
|---|---|
| | |
| **78.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 78.9.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 78 ġiet fit-tmiem, wara li kienet eżawrita l-Aġenda 78. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar it-Tnejn 29 ta' April, 2024 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 29 ta' April, 2024.

**IFFIRMATA**

_________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

_________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

_________________________

***Sekondant***